28 ta' Marzu, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Karmnu Zammit

**Att ta' l-Akkuża — Nullità — Serq Uffiċjal Publiku.**

*It-titolu ta' serq jiskomparixxi jekk sid il-ħaġa jkun iddispossessa ruħu minnha volontarjament, sija pure b'effett ta' raġġiri jew minaċċi użati mill-akkużat. Għax meta s-sid jisvesti ruħu minn ħaġa bl-annuwenza tiegħu, ma hemmx aktar ir-reat ta' serq, avvolja dik l-annuwenza tkun karpita. U dan avvolja r-reat ikun aggravat billi l-ħati jkun assuma t-titolu ta' uffiċjal publiku; għax jibqa' dejjem nieqes l-element imprexxindibili tad-dispossessament "invito domino".*

*F'każijiet simili jkun hemm reat ieħor, imma mhux dak ta' serq; u għalhekk, meta fl-att ta' l-akkuża bażat fuq dawn il-fatti tiġi dedotta l-akkuża ta' serq, dak l-att huwa null fuq il-motiv li l-fatti fih dedotti ma jikkostitwux ir-reat li huwa attribwit lill-imputat.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8632;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Marzu 1949 li bih dina l-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, wara li pprospettat id-dubju jekk il-fatti, kif miġjuba fl-ewwel u t-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża, jikkostitwux id-delitt speċifikat f'kull kap, irrimettiet il-konjizzjoni u d-deċiżjoni ta' dana d-dubju lil dina l-Qorti kolleġjalment kostitwita;

*Omissis;*

Irriflettiet;

Illi mill-kontenut ta' l-att ta' l-akkuża, partikolarment mit-tieni paragrafu ta' l-ewwel kap u l-ewwel paragrafu tat-tieni kap, anki in kwantu jagħmel riferenza għall-ewwel kap, jidher illi l-imsemmija Healey ma kienetx dispossessata kon-

ara l-volontà tagħha, iżda, għad li mhux spontaneament, id-dispossessat ruħha, jew kienet sejra tidd'spossessa ruħha, volontarjament, sija pure bħala effett ta' l-allegati raġġiri jew minaċċja ta' l-akkużat. Hu *infatti prinċipju paċifiku li t-titolu ta' serq jiskomparixxi jekk sid il-ħaġa jkun iddispossessa ruħu minnha* volontarjament, sija pure bħala effett ta' inganu (ara Carrara, Parte Speciale, Vol. IV, para. 2034, 2281 u 2282). Meta jkun hemm l-annuwenza tas-sid tal-ħaġa ma hemmx serq, ankorkè dina l-annuwenza tkun karpita; u allura jkun hemm reat ieħor. Igħid il-Crivellàri:— "Essendovi l'annuenza di chi ha d'ritto sulla cosa, o di chi la possiede, non vi è furto.............. Se questa annuenza sarà carpita, potrà esservi altro reato, ma non il furto" (Vol. VIII, Commento art. 402, pag. 73). Id-dottrina u l-ġurisprudenza huma unanimi dwar daqshekk;

Illi xejn ma tfisser l-aggravanti dedotta fl-att ta' l-akkuża in bażi għall-inċiż (b) ta' l-art. 276, konsistenti filli l-akkużat jieħu t-titolu ta' uffiċjal publiku; għaliex jibqa' dejjem *li din hi l-aggravanti ta' serq, li jirrikjedi dejjem l-element* imprexxindibili ta' dispossessament "invito domino"; u ma hemmx dana l-element meta sid il-ħaġa jkun svesta ruħu mill-pussess in segwitu ta' qerq adoperat mill-akkużat;

Għalhekk il-Qorti tiddikjara l-att ta' l-akkuża null minħabba li l-fatti, kif inġjuba fl-ewwel u t-tieni kap tiegħu, ma jikkostitwux id-delitt dedott f'kull kap; u wara li rat l-art. 451 (7) Kap. 12, tqiegħed lill-akkużat fl-istess stat li kien qabel ma ġie preżentat l-att ta' l-akkuża.